MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2159/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Lino Vassallo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm236.93) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill konvenut in konnessjoni ma' mobile phone 99431994.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz sar dovut sad-data tal-pagament effettiv..

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm236.93), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------